# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/52

**tal-20 ta' Diċembru 2018**

**li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati għal ftehim li jemenda l-kwota tariffarja eżistenti għal-laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur u li jemenda r-reġim tariffarju eżistenti għal qatgħat tat-tjur oħra, stabbiliti fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra ([1]) (il-"Ftehim ta' Assoċjazzjoni") ġie ffirmat fi Brussell fil-21 ta' Marzu u fis-27 ta' Ġunju 2014. Huwa ġie applikat b'mod provviżorju mill-1 ta' Jannar 2016 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2017.

(2) Tip ġdid ta' qatgħa tat-tjur taħt il-linji tariffarji NM 0207 13 70 ("qatgħat oħra friski jew friżati") u NM 0207 14 70 ("qatgħat oħra friżati") ġew importati fl-Unjoni mill-Ukrajna sa minn nofs l-2016. Dawk l-importazzjonijiet żdiedu b'mod qawwi u laħqu 25 000 tunnellata fl-ewwel sitt xhur tal-2018. Skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, dawk l-importazzjonijiet jistgħu jidħlu fis-suq tal-Unjoni mingħajr dazju u mingħajr limiti kwantitattivi.

(3) It-tip ġdid ta' qatgħa tat-tjur jikkonsisti minn sidra tradizzjonali bl-umeru tal-ġwenħajn imqabbad u, wara trasformazzjoni minima fl-Unjoni, tista' tiġi kkummerċjalizzata fl-Unjoni bħala sidra tat-tjur. Għaldaqstant, hemm ir-riskju li importazzjonijiet mingħajr limitu ta' dawk il-qatgħat jimminaw il-kundizzjonijiet li fihom il-qatgħat tradizzjonali tas-sidra tat-tjur jistgħu jiġu importati fl-Unjoni skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari r-restrizzjonijiet kwantitattivi fil-forma ta' kwota tariffarja.

(4) B'hekk jenħtieġ li jinfetħu n-negozjati bil-għan li jiġi konkluż ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-volum tal-kwota tar-rata tariffarja għal-laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur, u l-introduzzjoni mill-ġdid tad-dazju tan-Nazzjon l-Aktar Favorit għall-importazzjonijiet mill-Ukrajna li jkunu jeċċedu dik il-kwota tar-rata tariffarja,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni, emenda għall-iskeda tariffarja tal-Unjoni għaż-żewġ linji tariffarji NM 0207 13 70 ("qatgħat oħra friski jew friżati") u NM 0207 14 70 ("qatgħat oħra friżati") fl-Anness I-A għall-Kapitolu 1 u għall-kwota tariffarja għal-laħam tat-tjur u preparazzjonijiet tal-laħam tat-tjur fl-Appendiċi tal-Anness I-A għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

*Artikolu 2*

Il-negozjati għandhom jitmexxew abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 3*

In-negozjati għandhom jitmexxew b'konsultazzjoni mal- Kumitat tal-Politika Kummerċjali kif previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 207(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([1]) ĠU L 161, 29.5.2014, p. 3.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

E. KÖSTINGER